# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' April, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 648/01mm**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Alfred u Helen konjugi Stafrace**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u tnejn u sittin lira Maltin u disghin centezmu (Lm362.90) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 693654 (skond kif jirrizulta mill-anness 'statement'

Dok A) liema servizz gie nstallat fil-fond 112, Triq il-Ponta, Senglea, u dana skond ma kif jidher mill-anness kopja ta' ftehim mmarkat Dok B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz, ta' l-ittra nterpellatorja datata 24 ta' jannar, 2001, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fid-9 ta' April, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit / Dep Reg